MINISTERU GĦALL-EDUKAZZJONI U X-XOGĦOL
ID-DIRETTORAT GĦALL-PROGRAMMI TA' TAGĦLIM U ASSESSJAR

# ĊIRKULARI

**Data:** 30 ta' Ġunju 2020 **Ref:** DLAP 170/2020

**Lill-:** Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-Iskejjel Primarji tal-Istat

**Mingħand:** Pamela Zerafa – Uffiċjal Edukattiv, Ingliż

**Suġġett:** Reviżjoni tal-Linji Gwida fl-Ingliż f'Livell 5

---

Fi tmiem is-sena skolastika, it-Taqsima tal-Ingliż tad-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar ħejja kwestjonarju sabiex jinġabru l-opinjonijiet dwar il-linji gwida fl-Ingliż mill-għalliema tat-tielet u r-raba' sena. L-għan ewlieni ta' dan il-kwestjonarju huwa biex issir konsultazzjoni mal-għalliema li għamlu użu minn dawn id-dokumenti fis-snin li għaddew u b'hekk jigu identifikati n-nuqqasijiet u jsiru l-bidliet meħtieġa bi tħejjija għas-sena skolastika li jmiss.

L-għalliema li jixtiequ jipparteċipaw jistgħu jaċċessaw il-kwestjonarju permezz tal-ħolqa https://forms.gle/BPPp4DWB8DKt4sjH9. Il-parteċipazzjoni f'dan il-kwestjonarju hija ta' natura volontarja. Gruppi ta' għalliema tal-istess sena u li jgħallmu fl-istess skola jistgħu jiddiskutu flimkien u jibagħtu tweġiba waħda. It-tweġibiet kollha jibqgħu anonimi. Kull suġġeriment ikun apprezzat ħafna.

Għal aktar informazzjoni rrikorru għand is-Sa Pamela Zerafa fuq l-indirizz elettroniku pamela.zerafa@ilearn.edu.mt jew żuru issit elettroniku http://taleinmalta.wixsite.com/elrc.

Grazzi tal-kooperazzjoni.

**Gaetano Bugeja**
**Id-Direttur,**
**Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar**